**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 641/2015 AF**

**Carmelo sive Charlie Sammut f'ismu proprio u bhala direttur tas-socjetà Charlie Autodealer Ltd (C-31941) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess kif debitament awtorizzat**

**vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur pro et noe li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur proprio et nomine gie servut b'Mandat ta' Inibizzjoni Nru:173/13 fl-ismjiet Dorianne Sammut vs. Carmelo sive Charles Sammut et li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **dokument A** fejn mart l-attur talbet il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq bejgh ta' proprjeta' immobbili hemm indikata.

Permezz ta' verbal u digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat-22 ta' Awwissu, 2013, li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **dokument A**, il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja laqgħet it-talba ta' Dorianne Sammut fuq **l-<u>assi immobbli biss</u>** u wara li għamlet referenza għal verbal ta' l-istess partijiet fejn ġie ivverbalizzat illi l-Mandat ta' Inibizzjoni "***ma jolqotx il-vetturi u l-oġġetti mobbli li jappartjenu lil Charlie Autodealer Limited*** kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat **dokument A.**

Kontestwalment ma' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq riferit, l-attur proprio et nomine gie servut b'Mandat ta' Sekwestru 172/13 hawn anness u mmarkat bhala **dokument B** fejn l-intimata giet notifikata bhala sekwestratarja u fejn mart l-attur ippretendiet li ghandha tircievi minghand l-attur proprio et nomine somom bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejniethom li tippretendi li ghandha tircievi minghand l-attur proprio et nomine u ghalhekk talbet lil intimata, jekk ghandha dawn il-flus kif mitluba jew parti minnhom, ma tirrilaxxhomx minn idejha u tpoggiehom taht l-Awtorita' tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili.

L-intimata la kellha u l-anqas ghandha flus appartenenti lill-attur proprio et nomine u wisq anqas proprjetà immobbiljari appartenenti lilhom.

L-attur proprio et nomine talab diversi drabi lill-intimata biex tittrasferixxi proprjeta' mobbiljari ossija karozzi fuq terzi galadarba dawn mhumiex kolpiti la b'Mandat ta' Inibizzjoni u l-anqas b'Mandat ta' Sekwestru kif del resto jistipula l-Artikolu 876/(1) (B) tal-Kap 12 però l-intimata baqghet inadempjenti stante illi ghadha tinsisti li hija ma tistax teffettwa t-trasferiment ta' oggetti mobbili ossija karozzi minhabba l-mandati fuq imsemmija.

L-intimata lanqas m'ghandha flus appartenenti lill-attur proprio et nomine u lanqas m'ghandha oggetti mobbili f'idejha li gew maqbuda b'xi mandat ta' qbid appositu.

Dan in-nuqqas biex l-intimata tesegwixxi dawn it-transfers tal-karozzi kif mitluba mill-attur nomine qed jikkawza lill-attur

nomine danni ingenti peress li huwa ma jistax ikompli n-negozju tal-bejgh u xiri ta' karozzi 'second hand'.

Id-danni minnu subiti jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza sia fi hsarat kbar bil-waqfien, t-telf tal-valur tal-vetturi kif ukoll talli huwa ma jistax jahdem fin-negozju li huwa kien jiggestixxi u ghalhekk jinhtieg li ssir il-likwidazzjoni tat-telf ta' profit li huwa ghamel tul dawn l-ahhar sentejn u li ghad jista' jaghmel sakemm tigi finalment deciza din il-kawza.

B'ittra ufficjali tas-27ta' Awissu 2013 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata **dokument C,** l-attur proprio et nomine talab ir-risarciment tad-danni però baqghu inadempjenti .

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata awtorità ma ghandha l-ebda flus appartenenti lill-attur proprio et nomine u l-anqas ma giet inibita milli tittrasferixxi proprjetà mobbiljari ossija karozzi proprjetà tal-attur proprio et nomine fuq terzi u dan kif jirrizulta mill-verbal u mid-digriet ta' l-Qorti Civili, Sezzjoni Familja tat-22 ta' Awwissu 2013 skond Mandat ta' Inibizzjoni numru 173/13 u Mandat ta' Sekwestru 172/13 li kopji taghhom huma hawn esebiti **dokumenti A u B**.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata konsegwentement kienet obbligata biex tittrasferixxi l-proprjetà mobbiljari ossija karozzi tal-attur proprio et nomine kull meta giet mitluba taghmel dan mill-attur proprio et nomine galadarba l-oggetti tieghu mhumiex kolpiti bil-mandati numri 172/13 u 173/13.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata hija responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur proprio et nomine konsistenti, fost affarijiet ohra, fi hsarat kbar bil-waqfien, t-telf tal-valur tal-vetturi kif ukoll talli huwa ma jistax jahdem fin-negozju li huwa kien jiggestixxi u ghalhekk it-telf ta' profit li huwa ghamel tul dawn l-ahhar sentejn u li

ghad jista' jaghmel sakemm tigi finalment deciza din il-kawza.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur proprio et nomine, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi li saru b'tort tal-intimata minhabba n-nuqqas taghha li tittrasferixxi l-karozzi tieghu fuq terzi kull meta giet mitluba taghmel dan konsistenti fi hsarat kbar bil-waqfien, t-telf tal-valur tal-vetturi kif ukoll talli huwa ma jistax jahdem fin-negozju li huwa kien jiggestixxi u ghalhekk it-telf ta' profit li huwa ghamel tul dawn l-ahhar sentejn u li ghad jista' jaghmel sakemm tigi finalment deciza din il-kawza.

5. Tikkundanna lill-intimata thallas dawk id-danni hekk likwidati lill-attur proprio et nomine.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Awwissu 2013 u bl-ingunzjoni tal-intimata in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità intimata li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament in kwantu permezz ta' din il-kawza r-rikorrent proprio et nomine qieghed jattakka l-agir amministrattiv ta' Awtorità pubblika l-azzjoni hija perenta a tenur tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qabel xejn ir-rikorrent proprio et nomine ghandu jiddikjara kemm huma d-danni illi huwa qieghed jippretendi permezz tal-kawza odjerna u dan ghal finijiet tat-tassazzjoni finali ta' din il-kawza.

Fil-mertu u assolutament bla ebda pregudizzju ghas-uespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-kawza minnu intavolata hija wahda frivola u vessatorja u msejsa fuq premessi skorretti ghaliex ir-rikorrent proprio et nomine, konvenjentement ghalih izda bi zlealtà lejn din l-Onorabbli Qorti, ghogbu 'jinsa' jippremetti wkoll illi fis-26 ta'

Lulju, 2013 huwa kien ipprezenta rikors specifikament fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 172/13 li permezz tieghu huwa kien talab specifikament lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha "tidderigi lil Transport Malta teffettwa t-trasferiment ta' karrozzi ghan-negozju tas-socjetajiet Charlie Auto Dealer Limited u/jew Charlie Properties Limited, stante illi dawn huma oggetti mobbli u mhux vjetat illi jigu inibiti ai termini tal-artikolu 876(1)(B) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi Transport Malta m'ghandha l-ebda flus u/jew proprjetà appartenenti lill-istess rikorrent u b'hekk ma tkun qed tikser l-ebda ordni tal-Qorti jekk teffettwa l-istess transfers tal-karozzi rigwardanti n-negozju tas-socjetajiet Charlie Auto Dealer Limited u/jew Charlie Properties Limited" u din l-Onorabbli Qorti kienet, permezz ta' digriet minnha moghti fid-9 ta' Awwissu, 2013, cahdet l-imsemmi rikors. Konsegwentement, bl-agir taghha illi ma teffettwax it-trasferiment tal-vetturi kif qed jippretendi r-rikorrent proprio et nomine, l-Awtorità rispondenti m'ghamlet xejn ghajr li osservat u obdiet fedelment – kif kienet fid-dmir illi taghmel, *multo magis* bhala Awtorità pubblika – l-ordni lilha moghti minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk huwa mill-izjed car umanifest illi ebda persuna ma tista' qatt tigi tenuta passibbli ghall-hlas tad-danni sempliciment ghaliex tkun obdiet u osservat l-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti. Kopja tal-fuq imsemmija rikors u tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. "A" u "B".

Ghalhekk huwa bil-wisq car u manifest illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent proprio et nomine huma kompletament bla bazi, illi l-Awtorità rispondenti agixxiet korrettement u skond il-ligi u ghalhekk kjarament mhi responsabbli ghall-hlas ta' ebda danni kif qed jippretendi r-rikorrent proprio et nomine.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur pro et noe qiegħed jattakka d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata li tirrifjuta li teffetwa t-trasferiment ta' proprjetà ta' diversi vetturi tas-soċjetà attriċi Charlie Autodealer Limited għal fuq isem terzi. Huwa qiegħed jitlob ukoll lill-Qorti tillikwida u tordna l-ħlas ta' danni li jgħid li sofra konsegwenza tal-aġir tal-intimata.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur li huwa d-direttur u l-unika azzjonist tas-soċjetà attriċi Charlie Auto Dealer Limited, liema soċjetà tinnegozja x-xiri u bejgħ ta' vetturi. Jirriżulta li l-attur u martu Dorianne Sammut, li mhijiex parti f'dawn il-proċeduri, jinsabu fil-proċess ta' separazzjoni personali. Permezz ta' mandat ta' inibizzjoni numru 173/2013 datat 22 ta' Awwissu 2013, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba tar-rikorrenti Dorianne Sammut sabiex l-attur f'dawn il-proċeduri Charles Sammut jiġi inibit milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew bi kwalunkwe mod jaggrava jew jgħabbi b'dejn jew jikkreja drittijiet reali jew personali fuq dawk il-beni immobbli msemmija fir-rikors għall-ħruġ ta' dak il-mandat ta' inbizzjoni. Fid-digriet tagħha, il-Qorti għamlitha ċara li kienet qiegħda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti biss fir-rigward tal-assi immobbli.

Sussegwentment, Dorianne Sammut intavolat mandat ta' sekwestru għall-ammont ta' €244,882.41 fuq '*sehem ir-rikorrenti minn valur ta' karozzi imħallsa mill-intimat jew/u s-soċjetajiet Charlie Auto Dealer Ltd C31941 u Charlie Properties Ltd C31940 liema huma proprjeta tal-komunjoni tal-akkwisti mhux mibjugħa. Dan l-ammont ġie kkalkolat ai fini ta' dan il-mandat*.' F'dan il-mandat ta' sekwestru, l-intimata ġiet indikata bħala s-sekwestratarja '*fuq kwalsiasi vettura fuq isem l-intimati jew min minnhom u sabiex jinżamm kull trasferiment li jista' jsir.*' Il-talba ġiet akkordata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' Lulju 2013.

Fis-26 ta' Lulju 2013 l-attur pro et noe ppreżenta rikors fl-atti tal-imsemmi mandat ta' sekwestru fejn talab lill-Qorti tidderiġi lill-Awtorità intimata teffetwa t-trasferiment tal-proprjetà tal-vetturi tas-soċjetà Charlie Auto Dealer Limited u/jew Charlie Properties Limited għal fuq isem terzi stante li huwa sostna li l-

intimata ma tkunx qiegħda tikser l-ebda ordni tal-Qorti jekk teffetwa dawn it-trasferimenti.

Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur pro et noe permezz ta' digriet datat 9 ta' Awissu 2013 u dan wara li kkunsidrat dak deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha tat-30 ta' Mejju 2001 fl-atti tar-rikors ta' sekwestru 3879/00 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. ġia Mid Med Bank Ltd vs Anthony Spiteri et u dak deċiż mill-istess Qorti bid-digriet tagħha tat-28 ta' Ġunju 2010 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 733/2006 fl-ismijiet Gasan Enterprises Ltd vs Louis Pace pro et noe.

Fis-27 ta' Awwissu 2013, l-attur ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-Awtorità intimata permezz ta' liema interpellaha sabiex issegwi l-ordnijiet mogħtija mis-soċjetà attriċi Charlie Autodealer Limited u ċioè li teffetwa t-trasferiment tal-proprjetà tal-vetturi tagħha fuq terzi.

Jirriżulta li l-Awtorità intimata qiegħda tirrifjuta li teffetwa t-trasferiment tal-proprjetà tal-vetturi tas-soċjetà Charlie Auto Dealer Limited għal fuq isem terzi għaliex tikkontendi li hija miżmuma b'ordni tal-Qorti u ċioè l-mandat ta' sekwestru akkordat fl-24 ta' Lulju 2013.

L-attur pro et noe qiegħed jikkontesta l-posizzjoni tal-Awtorità intimata in kwantu li jargumenta li l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ma jolqotx il-vetturi in kwistjoni imma semmai jwaqqaf lill-Awtorità milli tagħti flus lill-attur pro et noe f'każ li jkollha f'idejha dawn il-flus. Huwa jargumenta li l-mandat ta' sekwestru *de quo* ma jimpedix lill-Awtorità intimata milli tirreġistra t-trasferiment tal-proprjetà tal-vetturi fuq terzi persuni.

L-Awtorità intimata laqgħet għat-talbiet attriċi billi ressqet żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. Fl-ewwel lok hija teċċepixxi li in kwantu li permezz ta' din il-kawża l-attur pro et noe qiegħed jattakka l-aġir amministrattiv ta' awtorità pubblika, l-azzjoni hija perenta a tenur tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-Awtorità intimata li l-azzjoni tal-lum hija għal stħarriġ ta’ egħmil amministrattiv ta’ awtorità pubblika. L-ebda waħda mit-talbiet attriċi m’għandha x-xorta ta’ talba għal stħarriġ ta’ egħmil amministrattiv jew talba għal dikjarazzjoni ta’ nullità ta’ xi egħmil amministrattiv meħud mill-Awtorità intimata. Permezz tal-azzjoni tal-lum l-attur pro et noe qiegħed jattakka l-interpretazzjoni li qiegħda tagħti l-Awtorità intimata għall-mandat ta’ sekwestru tal-24 ta’ Lulju 2013. Madanakollu, id-deċiżjoni tal-intimata li tirrifjuta milli teffettwa t-trasferiment tal-proprjetà tal-vetturi in kwistjoni għal fuq isem terzi, għaliex issostni li kieku kellha tagħmel hekk tkun qiegħda tmur kontra l-ordni tal-Qorti, ma tammontax għal xi egħmil amministrattiv kif inhuwa maħsub fl-artikolu 469A tal-Kap. 12. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata qiegħda tiġi miċħuda.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità intimata teċċepixxi li l-attur pro et noe għandu jiddikarja kemm huma d-danni li huwa qiegħed jippretendi għall-finijiet ta’ tassazzjoni. Minn imkien fil-liġi ma jirriżulta li l-attur huwa obbligat jiddikjara fir-rikors promotur kemm huma d-danni li qiegħed jippretendi. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.

Fil-mertu, l-Awtorità intimata teċċepixxi li t-talbiet attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid dritt u li l-kawża intavolata hija waħda frivola u vessatorja u msejsa fuq premessi skorretti in kwantu li l-mertu ta’ din il-kawża diġà ġie ċċarat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz tad-digriet tagħha tad-9 ta’ Awissu 2013. Konsegwentment hija ssostni li bl-aġir tagħha, l-Awtorità qiegħda sempliċiment tosserva l-ordni tal-Qorti ossia l-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni u li għaldaqstant, in kwantu li hija qiegħda taġixxi korrettement, ċertament ma tistax tkun passabbli għad-danni.

F’dan l-istadju huwa opportun illi l-Qorti tiċċara li fil-każ tal-lum l-attur pro et noe mhuwiex qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru in kwistjoni imma jattakka l-interpretazzjoni tiegħu, fis-sens illi jikkontendi li dan il-mandat ma jolqotx it-trasferiment tal-proprjetà ta’ vetturi kif ssostni l-Awtorità intimata.

Madanakollu, din il-Qorti ssib illi l-attur pro et noe assolutament m'għandux raġun fil-pretensjonijiet tiegħu. L-iskop ta' mandat ta' sekwestru huwa li l-kreditur, sabiex jitħallas tal-kreditu tiegħu, iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew oġġetti mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor. F'dan il-każ mart l-attur intavolat il-mandat ta' sekwestru *de quo* sabiex iżżomm lill-attur pro et noe milli jitrasferixxi l-proprjetà ta' vetturi li hija ssostni li jappartjenu lilha wkoll, in kwantu li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dan jista' jsir billi l-Awtorità intimata, bħala s-sekwestratarja, iżżomm fil-pussess tagħha l-*log books* ta' dawn il-vetturi, f'każ illi jiġu għandha. Fil-fatt, kif jispjega x-xhud Brian Farrugia, rappreżentant tal-Awtorità intimata, sabiex tesegwixxi dak mitlub minnha permezz tal-mandat ta' sekwestru *de quo*, l-Awtorità qiegħda żżomm it-trasferimenti tal-proprjetà tal-vetturi milquta billi, meta tirċievi l-*log book* ta' vettura li tagħha jintalab it-trasferiment tal-proprjetà minn fuq isem Charlie Auto Dealer Limited għal fuq isem terzi, qiegħda żżommu għandha u ċioè tissekwestrah, kif ordnat il-Qorti, sabiex ma jseħħ l-ebda trasferiment.

Kliem il-mandat ta' sekwestru huma ċari u ma hemmx lok għall-interpretazzjoni mod ieħor kif donnu qiegħed jippretendi l-attur. Meta jintlaqa' mandat ta' sekwestru ta' din ix-xorta, l-iskop tiegħu huwa proprju sabiex l-Awtorità intimata, bħala s-sekwestratarja, iżżomm il-*log books* tal-vetturi u ma teffetwatx it-trasferiment tal-proprjetà tagħhom għal fuq terzi.

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet tagħha tat-30 ta' Mejju 2001 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. ġia Mid Med Bank Ltd vs Anthony Spiteri et:

> *"Id-Direttur (Licencing and Testing Department) ma joħroġx biss il-liċenzja fir-rigward ta' vetturi imma jżomm ukoll reġistru ta' l-ownership tal-vettura u a bażi tiegħu hu joħroġ il-log book li hu "document of title". Illi meta dan id-"document of title" jiġi f'idejn id-Direttur hu obbligat meta jirċievi sekwestru li jżomm dana d-dokument li hu t-titolu tal-proprjeta mobbli u li ma jirrilaxxjahiex qabel ma jirċievi ordni oħra mill-Qorti."*

Hekk ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Jimcam Enterprises Limited vs Charles Zammit tas-7 ta' April 2009:

> *"Illi l-liġi tgħid li l-għan ta' Mandat ta' Sekwestru (kemm jekk wieħed eżekutiv u kif ukoll jekk wieħed kawtelatorju) huwa dak fejn kreditur "ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew ħaġa mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor."*
>
> *Illi minn dan il-kliem jidher ċar li Mandat bħal dak jitkellem dwar flus jew ħwejjeġ mobbli. Ma jirriferix għal "jeddijiet" jew ġid intanġibbli. Jirreferi għal flus jew ħwejjeġ mobbli li ma jkunux f'idejn id-debitur, imma f'idejn xi ħaddieħor (mil-liġi magħruf bħala sekwestratarju). Dan jgħodd kemm għal dak il-ġid li jkun f'idejn is-sekwestratarju fil-waqt li jinħareġ il-Mandat u kif ukoll dak il-ġid (dovut lid-debitur) li jaqa' f'idejn is-sekwestratarju wara l-ħruġ tal-Mandat imma sakemm l-istess Mandat ikun għadu fis-seħħ. Fost il-ġid "tanġibbli" li jista' jkun sekwestrat, wieħed jista' jgħodd ukoll il-log book ta' vettura safejn dan ikun, fil-waqt li nħareġ il-Mandat, f'idejn id-Direttur tad-dipartiment li joħroġ il-liċenzji."*

Dak li għandu jiġi sekwestrat mill-Awtorità intimata huwa proprju d-dokument li jagħti titolu fuq dawn il-vetturi u ċioè l-*log book*, u dan billi l-imsemmi dokument jiġi miżmum mill-Awtorità bħala sekwestratarja, f'każ illi jiġi fil-pussess tagħha, u dan skont dak mitlub minn Dorianne Sammut u ordnat mill-Qorti.

Filwaqt li din il-Qorti tifhem li l-mandat ta' sekwestru *de quo* jolqot in-negozzju li huwa l-mezz ta' għejxin tiegħu, huwa għandu għad-disposizzjoni tiegħu l-għodda legali sabiex jikkontesta l-mandat in kwistjoni. Imma fl-aħħar mill-aħħar dan il-mandat, sakemm għadu fis-seħħ, ma jippermettix lill-Awtorità intimata tesegwixxi l-ordnijiet mogħtija lilha mill-attur u ċioè li teffetwa t-trasferiment tal-proprjetà tal-vetturi milquta bl-imsemmi mandat.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, tiċħad it-talbiet tal-attur proprio u nomine.

L-ispejjez jithallsu minn Carmelo Sammut.

IMHALLEF

DEP/REG